MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 348/2002/1

**Grezzju u Rita konjugi Scicluna, bhala kuraturi *ad litem* ta` binhom minuri Matthew Scicluna u b`digriet tat-30 ta` Ottubru, 2002 l-istess Matthew Scicluna assuma l-atti tal-kawza**

**vs**

**C. Cini & Sons Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-26 ta` Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

L-minuri Matthew Scicluna, iben l-atturi, kien impjegat bhala *machine operator* mas-socjeta` konvenuta;

Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta` Mejju, elfejn u wiehed (2001), waqt li fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta l-imsemmi Matthew Scicluna kien qieghed jopera magna tat-dqiq, idu l-leminija nqabdet fl-istess magna;

B`rizultat dirett ta` l-imsemmi incident l-imsemmi Matthew Scicluna sofra dizabilita` permanenti u danni konsegwenzjali;

L-imsemmi incident sehh unikament tort, b`negligenza, imperizja, nuqqas ta` tahrig adegwat, u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta;

Is-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-imsemmi Matthew Scicluna izda baqghet inadempjenti;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident li sehh fit-28 ta` Mejju, 2001, fuq deskritt, f`liema incident il-minuri Matthew Scicluna sofra danni;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti minn Matthew Scicluna, iben l-atturi, b`konsegwenza ta` l-incident imsemmi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi f`isem l-imsemmi minuri d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta1 l-ittri interpellatorji tas-27 ta` Lulju, 2001, 28 ta` Jannar, 2002, 26 ta` Frar, 2002, u 7 ta` Marzu, 2002, kontra s-socjeta` konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. **<u>In linea preliminari</u>,** l-atturi iridu jgibu prova tal-awtorizzazzjoni mill-Qorti sabiex jagixxu bhala `kuraturi *ad litem*` ta` binhom minuri Matthew Scicluna.

2. **<u>Fil-meritu</u>**, l-ewwel talba tal-atturi noe ghandha tkun michuda state li l-incident de quo gara unikament tort ta` Matthew Scicluna mhux tas-socjeta` eccipjenti.

3. It-tieni talba tal-atturi noe ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x`jigu likwidati favur Matthew Scicluna.

4. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjeta` eccipjenti m`ghandhiex tkun kundannata thallas danni lill-atturi noe.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fit-30 ta` Ottubru, 2002, u d-digriet ta` din il-Qorti ta` dik l-istess gurnata fejn Matthew Scicluna assuma l-atti tal-kawza f`ismu;

Rat il-verbal registrat fit-30 ta` Ottubru, 2002, li bih is-socjeta` konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-7 ta` Frar, 2003, li in forza tieghu gie nominat bhala perit mediku Mr. Charles Grixti, biex jirrelata fuq l-allegata dizabilita` ta` l-attur, u dan wara li jkun ezamina lill-istess attur;

Rat ir-rapport li gie pprezentat mill-imsemmi perit mediku fil-4 ta` April, 2003, u minnu mahluf fid-19 ta` April, 2004;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi, f`din il-kawza, l-attur Matthew Scicluna, meta kien ghad ghandu 17-il sena dahal jahdem mas-socjeta` konvenuta li timmanufattura u tippakkja tqieq tat-tip self-raising u tippakkja wkoll dry food. Meta ingaggja ruhu mal-kumpanija hu intefa jahdem fuq magna minghajr ma inghata ebda training. Fuq il-magna kien hemm wiehed, ismu wkoll Matthew, li kien hemm qablu u dan kien jurih x`ghandu jaghmel; bazikament, xogholhom kien li t-tqieq ippakkjat f`boroz li johrog mill-magna, jingabar u jigi mpoggi fil-kaxxex. Dan kien xoghol pjuttost semplici, li ftit li xejn wiehed jirrikjedi attenzjoni biex iwettqu.

Meta ma jkunx hemm tqieq x`jigi migbur, l-attur kien jintbghat jara haddiema ohra jahdmu fuq magni ohra. Hu kien ilu biss jahdem hemm seba` xhur qabel ma sehh l-incident, u f`dan il-perjodu kien assista lill-certu Jason jahdem fuq magna li tippakkja d-dry food, lil certu George jahdem fuq magna ohra li l-attur ma setax jiftakar x`taghmel, u li certu Chris jahdem fuq magna, relattata ma dik li fuqha hu kien jahdem, li kien tidhan it-tqieq u wara li thalltu biex tikkonvertih f`self-raising flour, kienet tibghatu isfel biex jigi ppakkjat bil-magna li fuqha kien jahdem l-attur. Din il-magna ta` fuq, li fuqha kien jahdem dan Chris, kienet kwazi fully-automatic, ghax wara li tinxtghel, il-haddiem jitfa` l-ingredienti u il-process kienet taghmlu kollu hi. Il-parti fejn kien l-attur dak inhar tal-incident, wkoll tahdem waheda, bil-haddiem jaghti daqtejn fuq is-silos il-kbar bil-mazza meta l-magna ma tkunx qed tigbeb it-tqieq; meta t-tahlita tkun lesta, il-haddiem jiftah il-flap biex it-tqieq self-raising jinzel isfel biex jigi ppakkjat ukoll bil-magna. Dak inhar tal-incident, Chris kellu xi tlett ijiem leave, u wara li l-attur kien ippakkja xi pakketti tqieq, gie mitlub mill-imghallem imur ihaddem il-magna ta` fuq. Dan mar u tpogga wahdu jahdem fuq dik il-magna. Dan kien ghall-habta tad-9.00am, u, ghall-ewwel, l-attur irnexxielu jhaddem dik il-magna minghajr problemi. Ghall-habta tal-4.00pm, l-attur tela` biex jaghmel l-ahhar tahlita tal-

gurnata, u ftit wara li xeghel il-magna, din waqfet tigbed it-tqieq; l-attur qabad il-mazza u ta` daqtejn lis-silos kif kien ra lil Chris jaghmel. Il-magna, pero`, xorta ma bdietx tigbed it-tqieq, u l-attur, minghajr ma tefa l-magna, tela fuq tlett targiet li kien hemm mal-magna, u dahla idu f`toqba moghttija bil-canvas sabiex jara hemmx tqieq imwahhal. Meta ghamel hekk, idu tqabdet ma xi ingranagg u spicca sofra griehi kbar f`zewg swabha ta` idu l-leminija. Is-socjeta` konvenuta tikkontesta t-talba tal-attur ghax tallega li l-incident sehh unikament tort tal-attur stess.

Din il-Qorti ssostni, mal-gurisprudenza lokali, li hu dover ta` min ihaddem li jipprovdi *"a safe system of work"*, u fil-pjannar tas-sistema tax-xoghol, is-sid irid jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-haddiema ghandhom tendenza li jinjoraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom, u hu jrid jipprovdi ghal dan it-traskuragni li huma inerenti f`haddiem industrijali. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Grech vs Farrugia noe", deciza fis-7 ta` Dicembru, 1994, il-gurisprudenza stabbiliet interpretazzjoni oggettiva ta` min ihaddem, fil-kamp tal-industrija, fl-uzu ta` makkinarju, *"minhabba l-htiega li, sakemm dan huwa possibbli, l-makkinarju ghandu jkun imhares b`mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita`. U dan, biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali"*; saret riferenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Agius vs Galea noe", deciza fil-11 ta` Lulju, 1989, u ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Galea vs Balzan noe", deciza fis-26 ta` Frar, 1993. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-kawza "Schembri vs Caruana noe", deciza fit-12 ta` Jannar, 1983, kienet irrimarkat, li meta tigi mahsuba sistema ta` xoghol, *"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, u n-nuqqas ta` ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol"*.

Dan kollu, is-socjeta` konvenuta, ma tghatx kasu. Quddiema kellha guvni ta` 17-il sena li kien ghadu hiereg minn wara l-bankijiet ta` l-iskola, u minghajr tahrig ta` xejn, poggietu jahdem fuq magni. Ghall-ewwel, ix-xoghol kien jipprospetta ftit periklu, izda wara biss seba` xhur, poggietu jahdem ma magna li fuqha ma kien hadem qatt qabel u dan minghajr tahrig u supervizzjoni; l-unika konnessjoni li l-attur kellu qabel ma din il-magna, kien li, meta jkollu cans, kien jitla` jara lill-shiebu Chris jopera dik il-magna, u jnewwillu xi xkejjer bit-tahlita skond il-bzonn. Qatt ma inghata instructions fuq l-uzu ta` dik il-magna u lanqas tahrig; hadd ma indikalu l-partijiet perikoluzi tal-magna u qalulu biss x`jaghmel jekk il-magna tieqaf tigbed tqieq. L-attur kien jara lill-Chris issabbat fuq is-silos b`mazza meta l-magna tieqaf, izda hadd ma urieh x`ghandu jaghmel jekk, wara din l-operazzjoni, il-magna xorta wahda ma tigbidx tqieq.

Inoltre, ma din il-magna tpoggiet skaluna bi tlett targiet li biha wiehed jakkwista access immedjat ghall-ingranagg tal-magna (<u>wara</u> l-incident, dan il-tarag tnehha). Hadd ma qal lill-attur l-iskop ta` dawk it-targiet, u l-attur, ta` persuna bla esperjenza li kien, haseb li dawk kienu biex il-haddiem jitla` fuqhom, idahhal idu minn fejn johrog it-tqieq, halli jkun jista` jillibera dak li jkun qed jiggamja l-magna. Il-magna ukoll ma kienet ipprovduta b`ebda *guard* (hlief bicca kanvas) biex izomm haddiem milli jdahhal idu fit-toqba minn fejn johrog it-tqieq.

Kif qalet, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza <u>“Pulizija vs Pisani”</u>, deciza fis-17 ta` Settembru, 1957,

*“Skond ir-regolametni mahruga taht il-Factories Ordinance, 1940, kull parti mit-‘trasmission machinery’ trid ikollha ripar tajjeb, ‘security fenced’, hlief fil-kaz li, minhabba fil-posizzjoni jew kostruzzjoni taghha, tkun, ghal min ikun mpjegat jew jahdem fil-post, bla periklu daqs kieku kellha ripar tajjeb.*

*Ir-regolamenti ma jiddistingwux bejn parti u ohra, bejn haddiem u iehor, jekk ikunx regolari jew okkazjonali, jekk*

*ikunx jahdem fil-makkinarju jew xort`ohra. Ikun hemm dispensa mir-ripar fil-kaz biss li l-posizzjoni jew l-ghamla tal-makkinarju tkun toffri l-istess protezzjoni li jkun jofri ripar effettiv. U ghalhekk, l-gholi tal-makkinarju mill-art ma jiddispensax mill-osservanza tal-obbligu tar-ripar kemm il-darba r-ripar ikun jirrendieh anqas perikoluz milli minghajru.*

*Huwa, imbaghad, guridikament irrilevanti jekk ripar ikunx kummercjalment pratikabbli jew ikunx mekkanikament impossibbli; billi r-regolament implicitament jipprojbixxi l-uzu ta` makkinarju minghajr ripar"*.

F`dan il-kaz, l-ingagg tal-makkinarju kien accessibbli ghall-haddiema bl-iskalun li kien hemm hdejn il-magna; anke minghajr dak l-iskalun, kellu jkun prevedibbli li l-haddiem, f`mument ta` aljenazzjoni, idahhal idu fil-bokka tal-magna, u, ghalhekk, kien hemm obbligu ta` ripar jew, tal-anqas, avviz ta` periklu adegwat. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawzaq "Bugeja et vs Falzon noe", deciza fit-12 ta` Dicembru, 2002, enfasizat fuq l-obbligu ta` min ihaddem li jara li l-magni jkollhom bizzejjed *safety devices* biex jipprotegu haddiem li juza dawk il-magni minghajr dik l-apprensjoni u prudenza.

L-obbligu ta` tahrig adegwat huwa wkoll impost fuq kull min ihaddem ("Chetcuti vs Mizzi noe", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta` Gunju, 2002), u dan ma jigix sodisfatt billi titfa` haddiem jsegwi x`ikun qed jaghmel haddiem iehor; il-haddiem irid jigi muri, min nies appoziti, kif tahdem il-magna u l-periklu inerenti fiha. L-awtur Michael Whincup, fil-ktieb *"Modern Employment Law"* (*6th Edit. 1990*) jghid li huwa obbligu ta` min ihaddem *"to select suitably qualified people to do his work, to provide training where necessary, and in particular to ensure that those in charge have the knowledge and ability to see that the work is done safely"* (pag. 209). F`dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta ngaggat persuna bla esperjenza, poggietu fuq il-lant tax-xoghol bla tahrig adegwat, u qabditu jahdem fuq magna minghajr supervizzjoni.

Aktar tard, l-istess awtur, jelenka dak li jsehilhom *"Four Safety Principles"* li jridu jigu segwiti min min ihaddem. Dawn huma (pag. 223):

*"(i) The employer must ensure that the employee knows the dangers;*

*(ii) The employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers;*

*(iii) The employer must ensure that the precautions are available;*

(iv) *The employer must ensure that the employee knows the precautions are available"*

F`dan il-kaz, dawn l-erba` principji ma gewx segwiti, u xejn ma sar biex il-haddiem ikun maghraf x`ghandu jaghmel f`kaz li tinholoq problema. Ghal Philip Cini, il-perikli kienu ovvji, pero`, kif intwera, xejn m`ghandu jitqies ovvju fl-industrija. Il-fatt li l-haddiem setgha, kieku ried, staqsa, mhix difiza, ghax, hafna drabi, ma jkollux l-opportunita` jaghmel dan, u f`kull kaz, hu ghandu jkun jaf preventivament u mhux jitghallem *"as he goes along"!*

Din il-Qorti, fil-kawza <u>"Slack vs Elektra Ltd"</u>, deciza fl-20 ta` Frar, 2003, osservat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta` incident li jippregudika lill-impjegati tieghu. F`dan il-kaz, ghalkemm ghal xi hin kien hemm Philip Cini mal-attur, huwa tqieghed fuq din il-magna <u>wahdu</u>, u dana biex jopera l-istess magna ghall-ewwel darba, u hadd ma kien hemm biex jigwida lill-attur u jidderigieh f`kaz ta` problema.

L-attitudini generali tal-industrija lokali fil-konfront tas-sahha tal-haddiema impjegati hi, veru, ftit laxka, izda dan m`ghandux iservi bhala difiza ghal attitudini li sid partikolari jiehu fil-konfront tal-haddiema tieghu. Kif jghid l-imsemmi <u>Whincup</u> (ibid. pag. 207),

*“the precautions taken in the trade or industry as a whole provide very important evidence of the appropriate standard of care in any particular case. But because of familiarity the general trade practice may be to ignore an obvious danger, or to treat it as an occupational hazard about which little or nothing can be done when in fact precautions are both feasible and necessary. Any such attitude will be rejected by the court for otherwise there would be the ‘very odd doctrine that if enough employers in an industry disregarded all precautions, however obvious they may be, and follow a dangerous practice, then they cannot, any of them, be held liable in negligence’: Brown vs Mills, 1970; Martin vs Boulton and Paul, 1982”.*

Ghar-rigward tal-partecipazzjoni tal-attur ghall-incident, hu veru li, f`xi cirkustanzi, in-negligenza ta` min iwegga titqies bhala kontribuzzjoni ghall-akkadut, u dan gie deciz li jsehh meta l-haddiem ikollu certa esperjenza u ma kienx mistenni minnu dak l-agir (ara ezempju, <u>Sciriha vs O`Flaherty noe</u>”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta` Mejju, 1994), jew meta l-haddiem juri negligenza grassa, bhal meta jpoggi idu <u>wara l-guard</u> waqt li l-magna tkun ghaddejja (ara ezempju, <u>“Vassallo vs Chavrin Press”</u>, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Lulju, 2002). F`dan il-kaz l-attur, ukoll wera nuqqas kbir ta` attenzjoni, meta, peress li t-tqieq ma kienx niezel b`certu ghagla, ghazel li jitla` hdejn il-mixer, u, bil-magna ghada tahdem, idahhal idu taht il-kanvas, u pprova jholl it-tqieq b`idejh. Veru li dak il-hin l-attur kien wahdu, pero`, ftit *common sense* kien jindika li fejn l-attur dahal idejh kien perikoluz. Pero`, precizament minhabba l-fatt li l-haddiema, u wisq aktar z-zaghzagh haddiema, ma jikkunsidrax il-perikli tal-industrija, li hemm bzonn ta` tahrig, supervizjoni, u magni b`guards adegwati. Hu, ghalhekk, li l-Qrati taghna jinsistu li *“in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work”* – ara <u>“Borg vs Wells et”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, u <u>“Schembri vs Caruana”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta` Novembru, 1983. Jibqa` l-fatt, li l-attur *“ghamel sforz”* biex sofra l-griehi u

ghal dan ghandu jwiegeb in parte. Peress li l-obbligu principali li jhares is-sahha tal-haddiem hi mixhuta fuq l-*employer*, ir-responsabilita` ghandha tinqassam kwantu ghall-⅔ fuq is-socjeta` konvenuta, u ⅓ ghandu jbatiha l-istess attur.
Dwar il-quantum tad-danni jirrizulta li l-attur kellu 17-il sena meta sehh l-incident, u kellu dhul ta` madwar Lm200 fix-xahar, u l-perit mediku mahtur mill-Qorti irrelata li l-attur ghadu jsofri minn dizabilita` permanenti ta` 5%, u dana peress li l-attur tilef 0.5cm mit-tul tas-seba l-werrej u s-seba tan-nofs tal-id il-leminija, li jistghu jaffettwah f`kaz li jaghmel xoghol li jkun jirrikjedi xoghol fin ta` uzu ta` swaba.

Kif intqal mill-Qrati taghna, *"L-Income Tax li seta` hallas id-decujus, ossia d-danneggjat, hija affari ta` bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx"* – "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972. Fil-kawza "Micallef vs Cassar", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta` Mejju, 1982, intqal li l-kontribuzzjonijiet li seta` ghamel id-danneggjat ghan-National Insurance, m`ghandhomx jitnaqsu mill-paga tieghu. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza "Caruana vs Farrugia", deciza fit-23 ta` Novembru, 1983, kienet qalet li *"m'ghandu jsir ebda deduzzjoni ta` PAYE jew ta` kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Nazzjonali mill-ammont tad-danni likwidat favur il-parti leza"*.

Fil-kalkolu tal-paga tal-attur, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni z-zieda potenzjali fid-dhul tieghu ("Apap vs Degiorgio", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta` Jannar, 1984; "Sultana vs Malta Drydocks Corporation", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta` Mejju, 1979), u mehud kont tal-potenzjal ta` avvanz li l-attur kellu fil-karriera tieghu, (ghalkemm, l-attur ma jidhirx li kellu livell ta` edukazzjoni gholi), l-Qorti tqis li s-salarju annwali li fuqu ghandha tibbaza l-kalkolu taghha ghandu jkun ta` Lm4,000.

Dwar il-multiplier, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, f`kaz ricenti, u cioe`, "Caruana vs Camilleri", deciza fis-27 ta` Frar, 2004, adottat multiplier ta` 25 ghall-persuna li kellha 30

sena meta sehh l-incident, u dan minhabba l-kontigenzi tal-hajja futura. L-attur, f`dan il-kaz, kellu 17 sena meta sehh l-incident, u l-Qorti sejra, allura, tadatta multiplier ta` 38.

Kwindi, l-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk:

Lm4,000 x 38 x 5% = Lm7,600

Peress li s-socjeta` konvenuta instabet responsabbli fi grad ta` zewg terzi, hi trid thallas Lm5,067 minn din is-somma, u peress ukoll li l-hlas sejjer isir f`daqqa, ghandha issir deduzzjoni minhabba lump-sum payment li, peress li l-incident sehh fl-2001, ghandu jkun ta` 18%. Ghalhekk, il-kumpens dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur huwa ta` Lm4,155.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` in parte it-talbiet attrici, tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hi responsabbli fi grad ta` zewg terzi (⅔) ghall-incident li sehh fit-28 ta` Mejju, 2001, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta` Lm4,155 (erba` t`elef, mija u hamsa u hamsin liri Maltin) bhala sehemha in linea ta` danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu terz mill-attur u zewg terzi mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------